

32004R0999

20.5.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 183/7

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 999/2004**tas-17 ta' Mejju 2004**

dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1531/2002 li jimponi dazju *anti-dumping* definittiv fuq importazzjonijiet ta' riċevituri tat-televiżjoni bil-kulur li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, fir-Repubblika tal-Korea, fil-Malasja u fit-Tajlandja u li jtemm il-proċeduri rigward importazzjonijiet ta' riċevituri tat-televiżjoni bil-kulur li joriġinaw f'Singapor

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nu. 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾, ("ir-Regolament bażi"), u partikolarment l-Artikoli 8, 11(3) u 22 (ċ) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta preżentata mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROĊEDURA**1. Miżuri fis-seħħ**

- (1) Bir-Regolament (KE) Nru 1531/2002 ⁽²⁾ il-Kunsill impona dazju *anti-dumping* definittiv fuq importazzjonijiet fil-Komunità ta' riċevituri tat-televiżjoni bil-kulur ("il-prodott konċernat") li joriġinaw i.a. fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("iċ-Ċina"). Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/683/KE ⁽³⁾, ġie aċċettat impenn għal seba' esportaturi miċ-Ċina: Haier Electrical Appliances Corporation Ltd, Hisense Import & Export Co., Ltd, Konka Group Co., Ltd, Sichuan Changhong Electric Co. Ltd, Skyworth Multimedia International (Shenzhen) Co., Ltd, TCL King Electrical Appliances (HuiZhou) Co., Ltd, u Xiamen Overseas Chinese Electronic Co, Ltd.
- (2) Ir-rata tad-dazju applikabbli għall-prezz nett, liberu-fil-fruntiera-Komunitarja, qabel id-dazju, ġiet stabbilita bħala 44,6 % għal importazzjonijiet miċ-Ċina tal-prodott konċernat skond ir-Regolament (KE) Nru 1531/2002.

2. Investigazzjoni

- (3) Fl-20 ta' Marzu 2004 il-Kummissjoni ddikjarat permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea ⁽⁴⁾ l-bidu ta' numru ta' reviżjonijiet interim parzjali ta' miżuri ta' *anti-dumping* applikabbli għal importazzjonijiet ta' ċerti prodotti li joriġinaw fir-

Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, fil-Federazzjoni Russa, fl-Ukraina u fir-Repubblika tal-Belarus skond l-Artikoli 11(3) u 22(ċ) tar-Regolament bażi. Il-miżura ta' *anti-dumping* imposta fuq importazzjonijiet ta' riċevituri tat-televiżjoni bil-kulur li joriġinaw fiċ-Ċina hi waħda mill-miżuri li tagħhom bdiet issir ir-reviżjoni ("il-miżuri").

- (4) Ir-reviżjoni ġiet mibdija fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni sabiex jiġi eżaminat jekk, bħala konsegwenza tat-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 ("it-Tkabbir"), ikunx xieraq li jiġu adattati l-miżuri.

- (5) Billi ċerta kwantità ta' importazzjonijiet tal-prodott konċernat li joriġina fiċ-Ċina hi preżentament suġġetta għal impenn ta' prezz għal volum speċifiku, ir-reviżjoni tal-miżuri ġiet mibdija sabiex ikun eżaminat jekk dan l-impenn, li kien infassal abbażi ta' *data* għal Komunità ta' 15-il Stat Membru, għandux ikun adattat biex jieħu kont tat-Tkabbir.

3. Il-partijiet milquta mill-investigazzjoni

- (6) Il-partijiet kollha nteressati magħrufa mill-Kummissjoni, inklużi l-industrija Komunitarja, assoċjazzjonijiet ta' produttori jew utenti fil-Komunità, esportaturi/produttori fil-pajjiżi konċernati importaturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom u l-awtoritajiet pertinenti tal-pajjiżi konċernati kif ukoll partijiet interessati fl-għaxar Stati Membri ġodda li ngħaqdu ma' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 ("UE10") kienu nfurmati bil-bidu ta' l-investigazzjoni u kienu mogħtija l-opportunità li jagħmlu magħrufa l-fehmiet tagħhom bil-miktub, li jippreżentaw informazzjoni u li jipprovdu prova ta' sostenn fil-limitu taż-żmien indikat fl-avviż tal-bidu. Il-partijiet kollha interessati li għamlu tali talba u li urew li kien hemm raġunijiet għala huma kellhom jingħataw widen ġew mogħtija udjenza.
- (7) F'dan ir-rigward, il-partijiet interessati li ġejjin taw il-fehmiet tagħhom:
 - (a) Produttur Komunitarju:

— Royal Philips Electronics, Eindhoven, Netherlands

⁽¹⁾ ĠU L 56, tas-6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, tat-13.3.2004, p. 12).

⁽²⁾ ĠU L 231, tad-29.8.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 231, tad-29.8.2002, p. 42.

⁽⁴⁾ ĠU C 70, ta' l-20.3.2004, p. 15.

(b) Produtturi esportaturi:

- Il-Kamra tal-Kummerċ taċ-Ċina, Beijing, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina; li taġixxi għan-nom tal-produtturi esportaturi li ġejjin:
- Haier Electrical Appliances Corporation Ltd,
- Hisense Import & Export Co., Ltd,
- Konka Group Co., Ltd,
- Sichuan Changhong Electric Co. Ltd,
- Skyworth Multimedia International (Shenzhen) Co., Ltd,
- TCL King Electrical Appliances (HuiZhou) Co., Ltd,
- Xiamen Overseas Chinese Electronic Co, Ltd,

B. IL-PRODOTT KONĊERNAT

- (8) Il-prodott konċernat hu riċevituri tat-televiżjoni bil-kulur bi skrin ta' qies djaġonali ta' iktar minn 15,5 ċm, kemm jekk kumbinat fl-istess unitá ma' riċevitur ta' xandir bir-radju u/jew arloġġ jew le. Dan il-prodott hu bħalissa klassifikabbli bil-kodiċi NM ex 8528 12 52, 8528 12 54, 8528 12 56, 8528 12 58, ex 8528 12 62 u 8528 12 66.

Ċ. RIŻULTATI TA' L-INVESTIGAZZJONIJIET**1. Talbiet magħmula minn partijiet interessati**

- (9) Il-Kamra tal-Kummerċ taċ-Ċina għall-Importazzjoni u l-Esportazzjoni ta' Makkinarju u Prodotti Elettroniċi (CCCME) li taġixxi għan-nom ta' kumpanniji li għalihom ġie mogħti l-impenn konguntemment maċ-CCCME issottomettiet li l-volum ta' l-importazzjonijiet li għalihom japplika l-impenn ta' prezz ġie stabbilit abbażi tal-proporzjon tal-konsum apparenti ta' l-UE ta' 15-il Stati Membru. Hija argumentat li għaldaqstant, l-impenn għandu jiġi rivedut sabiex jittieħed kont xieraq tas-suq ta' l-UE ta' 25 Stat Membru. Hi ddikjarat li reviżjoni bħal din kienet essenzjali sabiex tiġi evitata diskriminazzjoni favur esportaturi oħra tal-prodott konċernat lejn l-UE.

2. Kummenti riċevuti mill-Istati Membri

- (10) L-Istati Membri għamlu magħrufa l-opinjoni tagħhom u l-maġġoranza tagħhom jappoġġaw l-adozzjoni tal-miżuri sabiex jittieħed kont tat-Tkabbir.

3. Stima

- (11) Saret analiżi tad-*data* u l-informazzjoni disponibbli li kkonfermaw li l-volumi ta' importazzjoni tal-prodott konċernat miċ-Ċina fl-UE 10 kienu sinifikattivi. Billi l-volum ta' mportazzjonijiet suġġett għal impenn ta' prezz bħalissa fis-seħħ kien stabbilit abbażi ta' l-UE ta' 15-il Stat Membru, dan ma jieħux in kunsiderazzjoni l-effett taż-żieda fis-suq wara t-Tkabbir.

4. Konklużjoni

- (12) Meta tqis dak li ntqal hawn fuq, ġie konkluż li, sabiex jittieħed kont tat-Tkabbir, ikun xieraq li jkunu adottati miżuri sabiex ikun pprovdut għall-volum addizzjonali ta' mportazzjonijiet fis-suq ta' l-UE10.
- (13) Il-volum oriġinali ta' mportazzjonijiet suġġett għall-impenn ta' prezz għall-UE ta' 15-il Stat Membru ġie kkalkulat bħala ammont li qiegħed jikber li għandu jilħaq ċertu proporzjon ta' konsum apparenti fil-Komunitá għall-ħames sena ta' l-impenn. L-ammont ta' żieda fil-volum ta' importazzjonijiet soġġetti għall-impenn ta' prezz jista' jiġi kalkolat bl-istess metodu ta' kalkolu.
- (14) Għal dan l-iskop, hu kkunsidrat xieraq li l-Kummissjoni tista' taċċetta proposta għal impenn modifikat li jirrifletti s-sitwazzjoni wara t-Tkabbir abbażi tal-metodu deskritt fil-konsideranda 13,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Kummissjoni tista' taċċetta proposta għal impenn modifikat li jżid il-volum ta' importazzjonijiet suġġett għall-impenn ta' prezz aċċettat permezz tad-Deċiżjoni 2002/683/KE fir-rigward ta' l-importazzjonijiet ta' riċevituri tat-televiżjoni bil-kulur li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Iż-żieda għandha tiġi kkalkolata billi jintuża l-istess metodu ta' kalkolu li kien użat meta l-impenn ta' prezz oriġinali ġie stabbilit għall-UE ta' 15-il Stat Membru, li hu bħala ammont li qiegħed jikber li qiegħed jilħaq ċertu proporzjon ta' konsum apparenti fil-Komunitá għall-ħames sena ta' l-impenn.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar is-17 ta' Mejju 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

B. COWEN
